# PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**Imhallef**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 10 ta’ Jannar, 2000, fil-11 a.m.**

**Rikors Kost. Nru: 724/99 VDG**

**Melchior Spiteri**

**v.**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat minn Melchior Spiteri fis-17 ta’ Novembru, 1999 li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi minkejja l-eta` tenera tieghu huwa ilu maqful il-habs ghal diversi reati u kif jirrisulta mill-atti tal-Qrati Kriminali u anki mill-fedina penali tieghu, huwa gie trattat ghal ksur ta’ probation li kellu fis-7 ta’ Jannar, 1991 mhux anqas minn 8 darbiet;

Illi b’konsegwenza ta’ din l-inattezjoni huwa gie kkundannat ghal ksur tal-probation u dan b’mod illegali ghaliex kien ikkundannat darbtejn ghall-istess fatt u dana sahansitra in divjet tal-ligi rigward il-probation;

Illi konsegwentement il-pieni li gew inflitti fuqu u cioe’ dawk karcerarji, kienu jinvolvu necessarjament element ripetut ta’ kundanna karcerarja fuq ksur ta’ probation;

Illi l-Qorti Kostituzzjonali diga kellha opportunita’ li tiddefinixxi l-principju applikabbli fejn jidhol il-kaz ta’ probation u l-kwistjoni tan-ne bis in idem;

Illi dan id-dritt huwa protett mill-Kostituzzjoni taht l-Artikolu 39 subartikolu 9;

Premess dan kollu r-rikorrent, filwaqt li ezibixxa kopja tal-fedina penali tieghu minfejn, skond hu, jirrisulta li ripetutament gie kkundannat ghal ksur ta' probation wahda u trattat ghaliha, talab li din il-Qorti joghgobha:

1. tiddikjara li fil-konfront tieghu fil-kazijiet fejn il-probation ittiehdet in konsiderazzjoni bhala miksura wara l-ewwel darba fejn gie applikat il-ksur kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 39(9), u
2. taghti dak ir-rimedju effettiv li fic-cirkostanzi tal-kaz fil-pieni karcerarji ghandu jirrisulta bhala riduzzjoni adegwata tal-pieni inflitti u b'dana l-mod jitnaqqas il-periodu tad-detenzjoni li hu fadallu jiskonta;

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali tat- 22 ta' Novembru, 1999, li tghid hekk:

"Kemm-il darba dak kollu allegat mir-rikorrent jirrizulta li huwa minnu bhala fatt, allura il-lanjanzi u t-talbiet attinenti ghalihom kif intavolati mill-istess rikorrent ikunu kollha fondati fid-dritt.
"Biss, l-esponent, anke mill-ftit verifiki li irnexxielu jaghmel fil-periodu qasir li kien hemm minn meta gie intavolat ir-rikors odjern, ma jikkondividix bhala fatt l-allegazzjonijiet ta' fatt maghmula mir-rikorrent. Mhux biss, imma talli anke l-allegazzjonijiet odjerni gew avanzati, izda inutilment ghax infondati bhala fatt, mir-rikorrent f'wiehed mill-appelli li huwa kellu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.
"Ghaldaqstant, kemm-il darba l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jirrizultaw infondati fil-fatt, it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih, u, fi kwalunkwe kaz, l-esponent qatt ma ghandu jigi kkundannat ihallas xi spejjez inkorsi f'dawn il-proceduri galadarba fl-ipotezi taghhom il-vjolazzjonijiet sofferti mir-rikorrent b'ebda mod ma jistghu ikunu imputabbli lill-istess esponent.
"Salvi risposti ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-nota tar-rikorrent tat-2 ta' Dicembru, 1999 u dik ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' Dicembru, 1999; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. Ir-rikorrent qed jallega ksur tad-dritt fondamentali tieghu, protett bl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, li ma jigix iggudikat darbtejn ghall-istess reat. Il-parti relevanti tas-subartikolu in kwistjoni tipprovdi illi: *"Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat….".* Dan huwa l-principju hekk imsejjah tan-*ne bis in idem* li jsib riskontru wkoll fl-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali. Ir-rikorrent jikkontendi li hu gie misjub hati aktar minn darba ghall-istess reati li ghalihom originarjament hu kien inghata "conditional discharge" skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 152.

2. Bid-digriet taghha tad-19 ta' Novembru, 1999 din il-Qorti ordnat lir-rikorrent sabiex jezibixxi "kopja tas-sentenzi tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali li hu qed jilmenta minnhom", u dan peress illi l-kopja tal-fedina penali annessa mar-rikors promotur certament ma hix l-ahjar prova ta' x'gie deciz mill-imsemmija qrati. Permezz tan-nota tieghu tat-2 ta' Dicembru, 1999 ir-rikorrent ezibixxa kopja legali ta' sitt sentenzi, flimkien ma kopji ta' zewg rikorsi ta' appell.

3. Minn dawn is-sentenzi jirrisulta s-segwenti:

(a) Is-sentenza tas-**17 ta' Marzu, 1992** tal-Qorti tal-Magistrati (Malta): skond ir-rikorrent (ara n-nota tieghu appena msemmija) din hi "l-ewwel sentenza li fiha gie allegat il-ksur ta' l-artikolu 9" (sottolinear ta' din il-Qorti). Minn qari akkurat ta' din is-sentenza, ghalkemm jirrisulta li r-rikorrent kien gie akkuzat bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija fi tlett sentenzi precedenti – **26/11/90**, **7/1/91** u **25/2/91** – ma jirrisultax li permezz ta' din is-sentenza (cioe` tas-17 ta' Marzu, 1992) hu nstab hati ta' ksur ta' l-Artikolu 9, b'mod ghalhekk li anqas ma jirrisulta li b'xi mod gie kkundannat ghar-reati li taghhom kien instab hati bit-tlett sentenzi precedenti. In fatti, la fil-motivazzjonijiet u anqas fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza tas-17 ta' Marzu, 1992 ma jissemma xejn dwar it-tielet imputazzjoni – il-ksur tal-Artikolu 9 – b'mod ghalhekk li ma jistax jinghad li b'din is-sentenza r-rikorrent kien qed jigi trattat ghall-ksur tal-Artikolu 9 moghtija fis-sentenzi tas-26/11/90, 7/1/91 u 25/2/91. U jidher li r-rikorrent dan il-fatt gharfu, ghax fin-nota tieghu msemmija jghid li s-sentenza tas-17 ta' Marzu, 1992 kienet l-ewwel sentenza li fiha gie allegat ksur tal-Artikolu 9, u mhux li fiha gie ttrattat ghal tali ksur. Biex dak li jkun ikun jista' jinvoka n-*ne bis in idem* irid ikun gie ttrattat ghall-ksur tal-Artikolu 9 bil-mod kif provvdut fl-Artikolu 10(1) tal-Kap. 152.

(b) Is-sentenza tal-**24 ta' Marzu, 1992** tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali: din is-sentenza kienet tirrigwarda tlett citazzjonijiet differenti u, konsegwentement, tlett sentenzi separati tal-Qorti Inferjuri li, pero`, fl-appell gew decizi f'sentenza wahda. It-tlett citazzjonijiet kienu jirrigwardaw reati konnessi ma' sewqan bla licenzja u minghajr kopertura ta' l-assigurazzjoni; u f'kull wahda minn dawn ic-citazzjonijiet kien hemm l-imputazzjoni ta' ksur ta' l-Artikolu 9 riferibbilment ghas-sentenzi tas-**26/11/90**, **7/1/91** u **25/2/91**. Kemm mir-rikors ta' appell ezibit (fol. 47) kif ukoll mis-sentenza ta' l-appell (tal-24 ta' Marzu,1992) jirrisulta li r-rikorrent Melchior Spiteri kien ammetta l-akkuzi kollha quddiem il-Qorti Inferjuri fit-tlett citazzjonijiet, u ghalhekk kien ammetta l-akkuzi ta' ksur ta' l-Artikolu 9 fl-imsemmija tlett citazzjonijiet. Ma jirrisultax li fir-rikorsi ta' appell[1] huwa qajjem specifikatament l-aggravju tan-*ne bis in idem*. Kieku l-kwistjoni waqfet hawn, din il-Qorti ma kienx ikollha ezitazzjoni li tinvoka l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha peress li r-rikorrent kellu mezz xieraq ta' rimedju – cioe` li jqajjem aggravju specifiku fir-rikors jew rikorsi ta' appell – liema rimedju, pero`, hu baqa' ma utillizzahx. Ghandu jigi precizat li minkejja li persuna tammetti l-imputazzjonijiet quddiem il-Qorti Inferjuri, jekk fuq dik l-ammissjoni dik il-qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah, cioe` ssibu hati ta' reat (per ez. ghax diga kien gie misjub hati ta' dak ir-reat), il-persuna misjuba hatja ghandha xorta wahda dritt ta' appell mhux biss dwar il-piena izda anke dwar is-sejbien ta' htija (ara ***Il-Pulizija v. George Cassar Desain***, 27/10/62, Kollez. Deciz. XLVI.iv.991; ***Il-Pulizija v. Martin J. Camilleri***, App. Krim. 20/1/95). Pero` kif inghad Spiteri f'dan il-kaz ma invokax in-*ne bis in idem* fir-rikorsi tieghu. Gara`, izda, li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriskontrat, fi tnejn mitt-tlett sentenzi tal-Qorti Inferjuri li kienu quddiemha, nuqqas ta' formalita` sostanzjali b'mod li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 428(3) tal-Kodici

[1] Kif jirrisulta mis-sentenza ta' l-appell kien hemm tlett rikorsi; wiehed minnhom biss gie ezibit f'dawn l-atti (fol. 47).

Kriminali, dik il-Qorti Superjuri hassret dawk iz-zewg sentenzi u ghaddiet biex tiddeciedi fil-meritu z-zewg kawzi li ghalihom kienu jirreferu. B'hekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali giet li ddecidiet mill-gdid tnejn minn dawk it-tlett kawzi. Minkejja l-ammissjoni ta' Spiteri quddiem il-Qorti Inferjuri, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma setghetx legalment terga' tiddikjara, kif effettivament iddikjarat, lill-appellant hati (dejjem riferibbilment ghaz-zewg kawzi li kienet qed tiddeciedi mill-gdid fil-meritu) tal-ksur ta' l-Artikolu 9 fir-rigward tas-sentenzi tas-26/11/90, 7/1/91 u 25/2/91. B'tali dikjarazzjoni il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qed tiddikjara lil Spiteri hati ghat-tieni u ghat-tielet darba ta' ksur ta' l-istess "conditional discharges" u implicitament titratta mieghu ghat-tieni u ghat-tielet darba fir-rigward ta' l-istess reati originali. Ghalhekk b'din is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (tal-24 ta' Marzu, 1992) kien hemm teknikament vjolazzjoni tal-principju tan-*ne bis in idem* u anke teknikament ksur tad-dritt fondamentali protett bl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Jinghad "teknikament" ghax meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali giet biex taghti l-piena fir-rigward tat-tlett kawzi, bl-imputazzjonijiet kollha li kien hemm f'kull wahda minnhom, hija tat piena komplessiva ta' biss xaharejn prigunerija (u sospensjoni mill-licenzja tas-sewqan ghal tnax-il xahar). Issa, jekk wiehed ihares biss lejn il-piena ghal sewqan bla licenzja din tista' tkun sa' massimu ta' tlett xhur prigunerija (Art. 15(1), Kap. 65), filwaqt li l-piena ghal min, ghat-tielet darba, jinstab hati ta' sewqan minghajr id-debita kopertura tal-assigurazzjoni tista' tkun sa sena prigunerija (Art. 3(2)(c), Kap. 104). F'dan il-kaz, apparti reati minuri ohra, kien hemm sewqan bla licenzja fi tlett okkazzjonijiet separati, u daqstant okkazzjonijiet ta' sewqan minghajr id-debita kopertura tal-assigurazzjoni. Anke meta wiehed jikkonsidra t-tnaqqis kontemplat fl-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali peress li r-rikorrent kellu biss sittax-il sena[2] meta kkometta dawn ir-reati, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-imsemmi Kodici dwar il-konkors ta' reati u pieni, il-piena komplessiva ta' xaharejn prigunerija erogata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet wahda entro l-parametri tal-ligi u relattivament miti; b'mod ghalhekk li ma jistax jinghad li kien hemm xi "miscarriage of justice" fir-rigward ta' din il-piena. Minkejja dan, din il-Qorti ser tordna li dawn ix-xaharejn jitnaqqsu ghal xahar, u dana bhala rimedju ghall-lezzjoni tad-dritt fondamentali aktar 'l fuq imsemmi.

(c) Is-sentenza tal-**11 ta' Marzu,1993** tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali: din hi sentenza li permezz taghha dik il-Qorti Superjuri kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li kienet sabet lir-rikorrent Spiteri hati, *inter alia*, ta' ksur ta' l-Artikolu 9 riferibbilment ghas-sentenzi tas-**26/11/90**, **7/1/91** u **25/2/91**. Ghalkemm f'dan il-kaz Spiteri kien appella, fir-rikors tieghu (kopja ezibita a fol. 52 sa 55) hu ma ssolleva ebda aggravju bbazat fuq in-*ne bis in idem*. Ir-rikorrent odjern qed jippretendi li ghax f'dak ir-rikors ta' appell hemm semplici accenn ghall-piena ("Illi f'kull sens ghalhekk il-piena inflitta hi eccessiva tenut kont ta' dawn l-istess cirkostanzi", ara fol. 54, l-ahhar tlett linji), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha b'xi mod tifhem li hu kien qed jallega li gie ggudikat darbtejn ghall-istess reat, jew li dik il-Qorti (ta' l-Appell Kriminali) kellha taghmel indagini shiha dwar l-antecedenti penali tieghu biex tiskopri jekk hu kienx diga gie trattat ghall-ksur tal-Artikolu 9 riferibbilment ghat-tlett sentenzi aktar 'l fuq imsemmija. Din il-Qorti ma taqbilx li din hija l-posizzjoni legali korretta. L-aggravji f'rikors ta' appell ghandhom ikunu cari u

[2] Mis-sentenzi ezibiti a fol. 63, 66 u 74 tal-atti jirrisulta li d-data tat-twelid tar-rikorrent hija s-16 ta' April, 1975.

specifici; u hu evidenti minn qari akkurat tar-rikors a fol. 52 sa 55 li Spiteri b'ebda mod ma kien qed jilmenta quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li hu kien gie b'xi mod iggudikat darbtejn ghall-istess reat jew reati. Ghalhekk hu naqas milli jaghmel uzu minn mezz xieraq u ordinarju ta' rimedju li kellu, u konsegwentement din il-Qorti ser tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' din is-sentenza.

(d) Is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-**1 ta' Settembru, 1993**, **22 ta' Ottubru, 1996**, u **30 ta' Ottubru, 1996**. Dawn is-sentenzi li minnhom qed jilmenta r-rikorrent huma kollha sentenzi tal-prim istanza. Inghad x'inghad fihom, ir-rikorrent Spiteri dejjem kellu r-rimedju ta' l-appell. Dan il-mezz xieraq ta' rimedju ma jirrisultax li ezercitah. Konsegwentement anke fir-rigward ta' dawn is-sentenzi din il-Qorti ser tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha.

4. Ghall-motivi premessi din il-Qorti:

(A) b'applikazzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, qed tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-istess subartikolu fir-rigward (i) tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-11 ta' Marzu, 1993 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Emanuel Camilleri) v. Melchior Spiteri", (ii) tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-1 ta' Settembru, 1993 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Melchior Spiteri", (iii) tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Ottubru, 1996 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Peter Paul Zammit) v. Melchior Spiteri", u (iv) tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Ottubru, 1996 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Philip Zammit) v. Melchior Spiteri u Nazzareno sive Reno Zarb", u dan peress li hija sodisfatta li fir-rigward ta' dawn is-sentenzi r-rikorrent Melchior Spiteri kellu mezzi xierqa ta' rimedju skond il-Kodici Kriminali ghall-ksur minnu allegat;

(B) tiddikjara li bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-24 ta' Marzu, 1992 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Melchior Spiteri" gie lez id-dritt kostituzzjonali tar-rikorrent protett bl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni li ma jigix misjub hati aktar minn darba tal-istess reat; u

(C) tordna, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, li s-sentenza ta' xaharejn prigunerija moghtija lir-rikorrent Spiteri bl-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-24 ta' Marzu, 1992 tigi ridotta ghal xahar prigunerija; u tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata mir-registratur lir-Direttur tal-Habs Civili (Facilita' Korrettiva ta' Kordin).

Fic-cirkostanzi partikolari ta' din il-kawza, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

(Ft) Vincent Degaetano
Imhallef

Paul Miruzzi

Dep. Registratur